MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 81/2009

**Emanuel Cutajar**

**vs**

**Stephen Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta’ elfejn, sebgha mija u hamsa u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2795.25) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut minn somma akbar rapprezentanti prezz ta’ ‘*mano d’opera*’ ezegwit mill-attur fuq ordni tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-attur xehed illi l-ammont ghadu dovut u gie prezentat Kapitolu fit-12 ta' Marzu, 2009 mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------